**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.). LL.D.**

**Illum it-Tlieta 12 ta' Lulju 2016**

**Rikors Guramentat numru:- 77/2010JVC**

**James Buttigieg u John Paul Azzopardi fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' l-Ghaqda Filarmonika Mnarja u b'nota tal-10 ta' Dicembru 2010 John Xuereb assuma l-atti tal-kawza minflok John Paul Azzopardi peress illi ssuccieda bhala Segretarju tal-Ghaqda attrici**

**Vs**

**Dottor Michael Caruana u Joseph Apap, fil-kapacita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta' Filarmonika Leone**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici fejn l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti kienu akkwistaw id-drittijiet kollha relattivament ghall-marc brijuz "Bonnici Brothers" *sive* "10th Anniversary" *sive* "Letter A" ghal gewwa t-territorju ta' Ghawdex (b'eccezzjoni unika ghall-Festa ta' San Gorg, Rabat, Ghawdex) bi ftehim ta' akkwist konkluz mal-awtur il-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992, kopja annessa u mmarkata bhala Dok A;

Illi permezz ta' din l-istess skrittura mmarkata Dok. A, is-Surmast Joseph Sammut biegh u ttrasferixxa l-uzu esklussiv gewwa Ghawdex

lill-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur ta' dan il-marc maghruf bhala "Marc Letter A" bl-uniku kundizzjoni esplicita illi dan il-marc ma jindaqqx fil-festa ta' San Gorg tar-Rabat, Ghawdex;

Illi s-socjeta' konvenuta llum, cioe' tmintax-il sena wara l-iskrittura privata su-riferita, qed tallega li l-istess Surmast Joseph Sammut ghamel donazzjoni lilhom ta' l-istess marc maghruf bhala "Letter A";

Illi t-titolu relattiv spettanti lir-rikorrenti huwa precedenti dak vantat mis-socjeta' konvenuta b'ben tmintax-il sena, illi matulhom is-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni u ma ddeduciet ebda pretensjoni gudizzjarja relattiva ghall-istess;

Illi s-socjeta' konvenuta qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq allegat "titolu" moghti mill-Maestro Joseph Sammut, li se mai, kien hekk moghti ben tmintax-il sena wara illi l-istess Maestro Joseph Sammut kien biegh (u mhux sempliciment iddona) id-drittijiet ta' dan l-istess marc specifiku f'Ghawdex lir-rikorrenti. Mhux hekk biss, izda dan ghamlu fl-1992 b'mod illi esplicitament intrabat illi ma jghaddix dan il-marc lill-ebda persuna ohra f'Ghawdex.

Is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-titolu ghall-marc brijuz "Bonnici Brothers" *sive* "10th Anniversary" *sive* "Letter A" gie mibjugh u trasferit lill-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta' skrittura privata bejn l-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq l-istess marc brijuz "Bonnici Brothers" *sive* "10th Anniversary" *sive* "Letter A".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2010, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda nteress guridiku biex tattakka l-kuntratt tal-hamsa (5) ta' Gunju 2010 (Dok JA1) in atti tan-Nutar Anthony Hili li sar bejn is-socjeta' Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut stante li hija ma kinitx parti fuq dak il-kuntratt;

2. Illi fit-tieni lok irid jingab l-original tad-dokument tal-ftehim tad-29 ta' Jannar 1992 (Dokument A anness mar-rikors guramentat) stante li l-kopja pprezentata mhix originali u lanqas m'hi awtentikata bhala vera kopja tal-original;

3. Illi s-socjeta' intimata ilha fil-pussess ta' dan il-marc in *buona fede,* b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghall-perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena. Dan ghar-raguni li kellha l-partitura originali tal-marc u ilha ddoqq dan il-marc b'mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta' Santa Marija organizzata minnha stess kif wkoll f'festi ohra f'Malta u Ghawdex. Is-socjeta' kompliet taghmel hekk ukoll wara d-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 1992, wara li dan il-marc allegatament gie akkwistat mis-socjeta' rikorrenti, u l-istess socjeta' rikorrenti qatt ma opponiet jew b'xi mod iehor ippruvat twaqqaf lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc wara l-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992), dan skont kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u ghalhekk fuq naha hija akkwistat id-drittijiet ta' l-awtur fuq dan il-marc bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naha l-ohra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marc intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-marc "Bonnici Brothers" *sive* "10th Anniversary" *sive* "Letter A" kien gie mghoddi lis-Socjeta' Filarmonika Leone mis-Surmast Sammut fl-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fiz-zmien meta s-Surmast Sammut kien impjegat tas-Socjeta' Filarmonika Leone u dan skont kif ikkonferma l-istess Surmast Sammut f'affidavit maghmul minnu fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena 2010, li kopja tieghu giet annessa u pprezentata bhala Dok JA 2. Il-kuntratt pubbliku li sar fil-hamsa (5) ta' Gunju 2010 sempliciment ikkristallizza l-ghotja li kienet saret mis-Surmast Sammut fl-1968. Isegwi ghalhekk li l-istess Surmast Sammut ma seta' qatt jittrasferixxi l-proprjeta' ta' dan il-marc lis-socjeta' Filarmonika Mnarja fl-1992 u l-iskrittura tal-1992, jekk kellha xi effett, kien li limitatament taghti fakolta' lis-socjeta' attrici sabiex hija ddoqq dan il-marc;

5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-Kap 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qligh;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

7. B'referenza ghall-paragrafi tar-rikors guramentat, is-socjeta' intimata rrilevat li dawn huma lkoll kontestati ghar-ragunijiet premessi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2011 Dr Perici Calascione informa lill-qorti li kien hemm qbil bejnu u bejn Dr Jean Paul Grech prezenti li l-kawza setghet tigi differita ghas-sentenza fuq in-noti ta' sottomissjonijiet li hemm fil-process.

Rat li fit-30 ta' Settembru, 2010 inghatat decizjoni dwar il-vertenza minn din il-Qorti diversament preseduta fejn gie deciz kif isegwi:

*Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :*

1. *Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
2. *Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
3. *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;*
4. *Tilqa' r-raba' eccezzjoni fejn qed issostni li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u tichad it-talbiet attrici in kwantu rrizulta li l-Ghaqda Filarmonika Mnarja permezz ta' l-iskrittura tad-29 ta' Jannar 1992 akkwistat biss id-dritt li ddoqq l-istess marc izda mhux id-drittijiet ta' l-awtur;*
5. *Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.*

*L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet mis-socjeta' konvenuta u l-kumplament mis-socjeta' attrici.*

Rat illi din id-decizjoni giet appellata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell li permezz ta' decizjoni datata 8 ta' Marzu, 2016 iddecidiet kif isegwi:

*9. Wara li qieset sew dak li jghidu l-partijiet u dak li tghid il-kitba tad-29 ta' Jannar 1992, din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-attrici illi l-hsieb illi johrog mill-ftehim huwa car, u ma jista' jfisser xejn hlief illi l-attrici kienet qeghdha tikseb il-jeddijiet kollha fuq il-komposizzjoni hlief dawk li espressament kienu eskluzi.*

*10. Il-kelma 'bejgh' fit-tifsira normali u populari taghha – u li, meta tqis illi l-kitba ma saritx minn professjonista legali, kienet certament it-tifsira li*

*kellhom f'moħħhom il-partijiet – timplika illi l-bejjiegħ qiegħed igħaddi lix-xerrej il-jeddijiet kollha tiegħu fuq il-ħaġa mibjugħa. Il-konvenuta tgħid illi "l-użu tal-kelma 'bejgħ' fit-trasferiment ta' marċijiet hija minnha nnifisha kelma infeliċi"; fil-fatt, l-għażla tal-kelma sservi biex turi l-ħsieb ċar tal-partijiet, u hija infeliċi biss għat-teżi tal-konvenuta.*

*11. Fil-każ tal-lum il-bejgħ sar b'riserva: illi mit-trasferiment ta' drittijiet ġie eskluż id-dritt li l-marċ jindaqq fil-Festa ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex, u ġie eskluż ukoll kull dritt fuq il-marċ barra minn Għawdex. Din l-aħħar esklużjoni ġiet espressa permezz ta' obbligazzjoni tal-awtur – li ntrabat "li f'Għawdex ma nagħtih lil ħadd aktar" – meta li kieku l-kitba saret minn professjonist legali x'aktarx illi kienet tiġi espressa f'termini aktar speċifiċi ta' esklużjoni mit-trasferiment ta' drittijiet barra minn Għawdex. It-tifsira iżda hija l-istess: l-awtur ma jistax jgħaddi drittijiet fuq il-marċ relattivi għal Għawdex għax dawk id-drittijiet issa "biegħhom" lill-attriċi. Il-fatt illi, kif tgħid il-konvenuta, "Malta u Għawdex huma territorju u pajjiż wieħed" għandu relevanza għad-dritt internazzjonali pubbliku iżda ma jeskludix illi jingħataw drittijiet għall-parti mit-territorju u mhux għall-parti oħra.*

*12. Il-fatt ukoll illi l-awtur żamm xi drittijiet fuq il-kompożizzjoni tiegħu ma jfissirx illi dawk id-drittijiet li ma żammx ma għaddihomx lill-attriċi. Dak li ma ġiex eskluż huwa inkluż: la 'nbiegħ' il-marċ, id-drittijiet kollha relattivi ħlief dawk espressament esklużi 'nbiegħu' miegħu għax accessorium sequitur principale. Għalhekk l-argument tal-konvenuta illi wara l-1992 l-awtur reġa' biegħ il-marċ lill-baned ta' Marsaxlokk jew Marsaskala u Ħal Qormi – żewġ baned f'Malta – ma hux inkompatibbli mal-premess.*

*13. Il-konvenuta iżda tgħid ukoll illi hija għandha dritt prior in tempore għax l-awtur kien taha drittijiet fuq il-marċ fl-1968. Dik l-għotja ma saritx bil-miktub, iżda l-awtur, fi kliem il-konvenuta, "ikkristalizza l-għotja" b'kuntratt pubbliku tal-5 ta' Ġunju 2010 bejnu u l-għaqda konvenuta.*

*14. Fl-1968, meta l-konvenuta suppost kisbet il-marċ bis-saħħa tal-"għotja" magħmula mill-awtur, it-trasferiment ta' drittijiet tal-awtur, fosthom drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet mużikali, kien regolat bl-art. 12 tal-Att tal-1967 dwar Drittijiet tal-Awtur ["Kap. 196"]: "12. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-drittijiet tal-awtur ikunu*

*trasmessi b'cessjoni, b'disposizzjoni testamentarja, jew bis-sahha ta' ligi, bhal proprjeta' mobbli. "(2) Cessjoni jew disposizzjoni testamentarja ta' drittijiet tal-awtur tista' tkun limitata b'mod li tapplika ghall-parti biss mill-atti li l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur ghandu d-dritt eskluziv li jikkontrolla, jew ghall-parti biss tal-perijodu tad-drittijiet tal-awtur, jew ghall-pajjiz specifikat jew area ohra geografika. "(3) Ebda cessjoni ta' drittijiet tal-awtur u ebda licenzja biex jintghamel att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet tal-awtur ma jkollha effett jekk ma tkunx bil-miktub:"*

*15. Il-fatt illi l-ghotja tal-1968 ma kinitx bil-miktub ifisser illi ma kellha ebda effett, ghall-inqas quddiem terzi. Il-fatt imbagad illi l-ghotja giet "kristallizzata" bil-miktub fl-2010 ma tahiex effett retro-attiv ghax fl-2010 l-awtur ma setax jerga' jiddisponi minn drittijiet li kien gia ghadda lill-attrici fl-1992. Ghall-ghanijiet tal-kawza tal-lum l-"ghotja" tal-1968 ma ghandha ebda effett u l-kuntratt tal-2010 ma jibdilx il-pozizzjoni legali.*

*16. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-qorti hija tal-fehma illi s-sentenza appellata ghandha tithassar.*

*17. Fost l-eccezzjonijiet li l-ghaqda konvenuta kienet ressqet ghat-talbiet tal-attrici kien hemm eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tletin sena (it-tielet eccezzjoni) u eccezzjoni ta' nuqqas ta' esklusivita' tad-drittijiet tal-attrici.*

*Dawn l-eccezzjonijiet ighidu hekk:*

*"3. Illi s-socjeta' intimata ilha fil-pussess ta' dan il-marc in buona fede, b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghall-perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena. Dan ghar-raguni li kellha l-partitura originali tal-marc u ilha ddoqq dan il-marc b'mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta' Santa Marija organizzata minnha stess kif ukoll f'festi ohra f'Malta u Ghawdex. Is-socjeta' kompliet taghmel hekk ukoll wara d-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 1992, wara li dan il-marc allegatament gie akkwistat mis-socjeta' rikorrenti, u l-istess socjeta' rikorrenti qatt ma opponiet jew b'xi mod iehor ippruvat twaqqaf lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc*

*wara l-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), [... ... ...]; u ghalhekk fuq naha hija akkwistat id-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naha l-ohra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marc intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili;*

*"5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-Kap. 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qligh;"*

18. *L-ewwel qorti, minkejja dak li jghid l-art. 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ma ddecidietx l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u m'iddecidietx ukoll il-hames eccezzjoni; minflok, iddecidiet illi "tastjeni milli tiehu konjizzjoni" ta' dawn l-eccezzjonijiet, naturalment ghax, wara li cahdet it-talbiet tal-attrici, ma baqghetx mehtiega decizjoni dwar dawk l-eccezzjonijiet. Fid-dawl ta' dan l-ghaqda konvenuta qalet hekk fit-twegiba taghha ghall-appell:*

*"[... ... ...] f'kaz li din l-onorabbli qorti tiddeciedi li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, din l-onorabbli qorti ma tistax tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hija stess. Dan ghar-raguni li l-ewwel qorti ma haditx konjizzjoni tat-tielet u l-hames eccezzjonijiet u ghalhekk jekk din il-qorti tiddeciedi dawn I-eccezzjonijiet hija stess is-socjeta' appellata tkun giet imcahhda mill-beneficcju tad-doppio esame."*

*Ghalkemm ma taqbilx mal-konvenuta illi din il-qorti "ma tistax tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hija stess", madankollu, fic-cirkostanzi tal-kaz tallum, fejn ghall-ghanijiet tal-eccezzjoni huwa mehtieg ezami ta' fatti li sehhew fuq firxa ta' aktar minn tletin sena, u wkoll fid-dawl tat-talba tal-konvenuta, il-qorti hija tal-fehma illi jkun aktar ghaqli illi l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel qorti sabiex, eventwalment, ikun jista' jsir l-ezami doppju tal-fatti u tal-*

*konkluzjonijiet legali li jinstiltu minn dawk il-fatt.*

*19. Il-qorti ghalhekk tipprovdi dwar l-appell billi thassar is-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tiddeciedi dwar it-talbiet tal-attrici wara li tqis it-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal konvenuta. L-ispejjez tal-kawza jkunu regolati fis-sentenza finali, izda l-ispejjez ta' dan l- appell thallashom il-konvenuta.'*

Illi ghalkemm giet intavolata talba ghar-ritrattazzjoni tad-decizjoni tal-appell, din giet michuda stante li dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat li tali talba ma setghetx legalment tigi ntavolata minn decizjoni i*n parte*.

Illi mis-suespost jirrizulta li ghal dak li huma l-ewwel u t-tieni eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta, il-Qorti tal-Appell ma kontradixxietx l-argumentazzjoni tal-ewwel Qorti. Ghalhekk ghal dak li huma l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti din il-Qorti ser tistrieh u taghmel taghha l-argumentazzjoni tal-ewwel Qorti fid-decizjoni datata 30 ta' Settembru, 2011 u l-konferma da parti tal-Qorti tal-Appell. Illi fir-rigward tar-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, filwaqt li din kienet giet milqugha mill-ewwel Qorti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet kontra l-istess eccezzjoni. Ghalhekk f'dan l-istadju ta' rinvinju tal-kawza, il-Qorti dwar ir-raba' eccezzjoni m'ghandhiex alternattiva ghajr li timxi u taghmel taghha l-argumentazzjoni u d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 29 ta' Mejju, 2015 b'dan li r-raba' eccezzjoni ser tigi michuda. Huwa ghalhekk li finalment jirrizulta li dak li huwa pendenti bejn il-partijiet huma t-tielet u l-hames eccezzjoni u per konsegwenza r-rizultat tat-talbiet attrici skont l-ezitu tal-istess.

Illi fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2015 il-partijiet iddikjaraw li ma kienx jonqos provi x'jingabru izda kien jonqos li jigu trattati t-tielet u l-hames eccezzjoni.

Illi fil-verbal tal-20 ta' Mejju, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum wara li l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet

taghhom dwar it-tielet u l-hames eccezzjoni.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub precedenti tal-partijiet fir-rigward tat-tielet u l-hames eccezzjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Il-Maestro Joseph Sammut kiteb il-marc in kwistjoni fl-1952 meta kien surmast tal-Banda San Guzepp, il-Hamrun. Wara erba' snin maghhom tahom id-dritt li jdoqqu dan il-marc izda m'ghaddiex il-proprjeta' tieghu[1].

- Sussegwentement il-Maestro Sammut mar surmast mal-Banda Leone. Dan kien ghall-habta tas-sena 1958. Fl-1968 fl-okkazzjoni tal-ghaxar snin tieghu bhala surmast huwa ta d-dritt li l-Banda Leone tibda ddoqq dan il-marc u dan b'donazzjoni. Hemm qbil li dan sar billi s-Surmast Sammut ghadda l-partitura originali tal-marc lill-Banda Leone. Anki f'dan il-kaz huwa jaghmilha cara li ma tahomx id-dritt ta' proprjeta' tal-marc[2] izda d-dritt li jdoqquh.

- L-istess rapprezentanti tal-Banda Leone Joseph Apap[3], Segretarju tal-Banda Leone, kif ukoll Dr Michael Caruana kkonfermaw fl-atti li s-Socjeta' konvenuta nghatat id-dritt li ddoqq il-marc u xejn aktar tant illi jirrikonoxxu li kien hemm baned ohra qabilhom li kienu jdoqqu dan il-marc fosthom dik tal-Hamrun li appuntu ghaliha kien inkiteb il-marc u ghalhekk originarjament kien inghata l-isem ta' Bonnici Brothers. A fol. 74 Joseph Apap jixhed illi fis-sena 1968 il-Banda Leone nghatat id-dritt li jindaqq il-marc izda mhux il-proprjeta' tieghu. A fol.

[1] Ara Xhieda tas-Surmast Sammut fit-3 ta' Marzu 2011 a fol. 104 tal-process
[2] Ara Xhieda tas-Surmast Sammut fit-3 ta' Marzu 2011 a fol. 104 tal-process
[3] Ara xhieda Joseph Apap fol. 65 et seq u Dr. Micahel Caruana fol. 107 et seq.

104 il-Maestro Joseph Sammut jikkonferma illi 'tajthom id-dritt illi jdoqqu l-marc.'

Dak iz-zmien in vista tal-ghotja da parti tas-Surmast Sammut u l-ghaxar snin minn meta kien beda jservi bhala Surmast tal-Banda Leone, il-membri tal-istess Banda ddecidew li jaghtu l-isem ta' 'Tenth Anniversary' lil dan il-marc. Hemm qbil illi dak iz-zmien ma kienet saret l-ebda skrittura privata bejn il-partijiet ghajr ghat-trasferiment tal-partitura originali. Eventwalment dan il-marc sar maghruf mal-partitarji tal-Banda Leone bhala l-marc 'Letter A' ghaliex kif spjega x-xhud Dr. Michael Caruana tant dan il-marc sar popolari li ha l-ewwel post bhala l-aktar marc popolari mal-partitarji, liema marc bhala uzanza fil-baned jinghata l-'Letter A'.[4]

- Bhala fatt jirrizulta mid-dokumenti esebiti li l-Banda Leone ilha ddoqq dan il-marc ghal hafna snin u dan jirrizulta minn provi diversi esebiti fosthom:

(i) A fol. 79 sa 100 tal-process tinsab esebita kopja ta' dokumentazzjoni li tevidenzja listi ta' marci 'godda' li kienu ser jindaqqu mill-Banda Leone fis-sena partikolari. F'dawn il-listi jidher ukoll imsemmi l-Marc 'Letter A', mhux bhala marc gdid izda li kien ser jindaqq fuq talba generali jew li qed jigi rrekordjat fuq talba generali. Fost dawn id-dokumenti gew esebiti dawk tas-sena 1969, 1984, 1973, 1974, 1980, 1981, 1982, 1983, 1987, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989 u 2000. F'uhud minn dawn l-inkartamenti jidher indikat ukoll marc iehor bl-isem 'Aurora' li mill-atti (ara x-xhieda ta' Dr. Michael Caruana) irrizulta li wkoll huwa ferm popolari mal-partitarji u li skont l-istess evidenza dan jissejjah bhala Letter B. Il-Qorti tinnota li f'uhud mid-dokumenti l-marc l-iehor Aurora mhux imsemmi (ghalkemm mix-xhieda hareg li dan huwa proprjeta' tas-Socjeta' konvenuta) imbaghad jerga jitfacca fi snin ta' wara u anki jitfaccaw marcijiet ohra. Tinnota li l-inkartamenti li jaghmlu

[4] Ara x-xhieda ta' Dr. Michael Caruana a fol. 109 tal-process.

referenza ghall-marcijiet irrekordjati fil-maggor parti taghhom jindikaw li l-'cassette' jigbor primarjament marci godda u l-marci l-ohra jidhlu fil-'cassette' fuq talba generali dan izda ma jfissirx li s-Socjeta' konvenuta ma kellhiex marci ohra bhala proprjeta' taghha jew bi dritt li jindaqqu. Lanqas ifisser li rrinzunzjat ghad-drittijiet taghha fuq il-marci li mhux imsemmija ghaliex huwa mpossibbli li dawn idahhalhom kollha f'casette. Dan ukoll ma jfissirx li dawn il-marci ma jindaqqux waqt il-festa fit-toroq.

(ii) A fol. 80 tal-process jinsab esebit estratt minn gazzetta tas-sena 1969 li jevidenzja li l-march 'Tenth Anniversary' kien jindaqq fil-festa ta' Santa Marija u li gia kien sar marc xi ftit kontroversjali tant li kellhom jindahlu l-pulizija;

(iii) Tant il-marc kien sar popolari mal-partitarji tal-Banda Leone li kienu anki jinhargu kliem apposta biex jitkantaw fuqu bhal per ezempju d-dokument a fol. 82 (1973) u fol. 84 (1972)

(iv) Illi apparti d-dokumentazzjoni u l-'casettes' is-socjeta' konvenuta ressqet prova permezz tas-Sur Joseph Apap (fol. 65 et seq) u Dr. Michael Caruana (fol. 107 et seq) u kif konfermat ukoll mill-istess Maestro Joseph Sammut (fol. 19 u 53 et seq) illi dan il-marc kien sar wiehed sinonimu mal-festa ta' Santa Marija fir-Rabat, Ghawdex u li f'Ghawdex kulhadd jaghraf dan il-marc bhala ta' Santa Marija. A fol. 69 Joseph Apap fuq domanda tal-Qorti dwar x'parti ghandu dan il-marc fir-repertorju tal-banda Leone jixhed:

'Dan il-marc fir-repertorju tal-banda llum huwa sinonomu ghall-festa ta' Santa Marija. Minn dakinhar (*b'referenza ghas-sena 1968*) 'il hawn, kull sena, fil-festa ta' Santa Marija, indoqquh matul it-tlett (3) ijiem; f'certi mumenti ma ndoqquhx, per ezempju, dimostrazzjoni bl-istatwa . . . jigifieri li fiha ggor l-istatwa madwar il-purcissjoni. Sewwa? Imma . . fil-marcijiet brijuzi fejn ikun hemm il-briju . . . ta' nofsinhar, anke naghtuh lill-banda Maltija.'

Din l-evidenza bl-ebda mod ma giet kontestata mis-socjeta' attrici ghajr li gew prezentati kliem minn James Buttigieg li allegatament kienu jghidu l-partitarji tas-socjeta' konvenuta fejn isostnu li l-'letter A' ma jriduhx u li jistghu izommuh (fol. 39). Se mai dan il-kliem, jekk vera kien jintuza, fl-ewwel lok ma jirraprezentax lis-socjeta' konvenuta u fit-tieni lok jevidenzja li appuntu s-socjeta' Leone kienet tikkunsidrah bhala taghha u ghalhekk il-partitarji haduha bi kbira meta bdiet iddoqqu wkoll is-socjeta attrici.

Illi x-xhud tas-socjeta' attrici Peter Paul Portelli a fol. 23 jixhed illi:

'Il-marc kien diga' qieghed jindaqq mill-Banda Leone fiz-zmien illi ahna akkwistajna d-drittijiet fuqu u l-Maestro Sammut kien imponielna kundizzjoni illi dakinhar tal-festa ta' San Gorg, dan il-marc ma jindaqqx mill-Banda Mnarja.'

Ir-referenza hija ghas-sena 1992 meta saret l-iskrittura a fol. 6 tal-process msemmija aktar 'il isfel fil-fatti. Ghalkemm ftit aktar 'il isfel l-istess xhud jghid li sa fejn jaf hu l-banda Leone kienet ilha snin ma ddoqq il-marc, dan huwa kontradett b'mod assolut mill-evidenza dokumentarja esebita u li turi li sahanstra fis-sena 1989 il-marc rega' gie rrekordjat.

A fol. 105 tal-process il-Maestro Joseph Sammut jaghmilha cara illi:

'Jiena qatt ma waqqaft lill-Banda Leone milli taghmel uzu minn dan il-marc. Jiena qatt ma hadt xi passi kontra Banda Leone biex ma jdoqqux il-marc u meta jiena tajt drittijiet lis-Socjeta' Filarmonika Mnarja qatt ma kellu f'mohhi li ncahhad lill-Banda Leone mid-dritt li jdoqqu l-marc.

A fol. 107 tal-process Dr. Michael Caruana jixhed kif isegwi:

'Dan il-marc jien ilni nisimghu jindaqq jigifieri minn meta kont zghir, jigifieri dan minn meta nghata lis-Socjeta' Leone dakinhar kont ghadni tfal, kien diga' jindaqq u baqa' jindaqq regolari matul is-snin kollha . . Dan il-marc sinonimu mal-Banda Leone, dan jindaqq minn min jindaqq Ghawdex specjalment, dana n-nies hu min hu kulhadd jirrelatah mal-Banda Leone . . Dan normalment jindaqq l-izjed f'Santa Maria, jigifieri fil-marcijiet brijuzi, hemm huwa marc popolari hafna, marc illi ha isem anki, sar parti sinonima mill-festa, allura jindaqq ghal diversi drabi f'kull marc li kwazi naghmlu gewwa r-Rabat u anki f'xi okkazzjonijiet ohra f'irhula wkoll.'

Is-Surmast tal-banda attrici stess fix-xhieda tieghu a fol. 53 sa 55 tal-process jixhed b'mod inekwivoku li l-marc in kwistjoni kien marc ferm popolari mal-partitarji tal-Banda Leone 'kien tista' tghid l-aktar wiehed popolari fost il-membri tal-*Leone'*. Jixhed b'mod skjett a fol. 55 tal-process 'li kont naf kien biss li jindaqq mill-Banda Leone . . . . ghal Ghawdex il-marc *Letter 'A'* kien sinonimu mal-Banda *Leone.'*

- Lejn is-sena 1992 l-Maestro Sammut jidher li kien iffastidja ruhu darba minhabba li fil-librett tal-banda ngab ritratt b'aktar prominenza tal-assistent surmast milli tieghu, izda Dr. Michael Caruana jichad li huwa spicca minhabba f'hekk minn mal-Banda Leone anzi jghid li huwa spicca ghaliex kien talab hu stess minhabba l-eta'[5] u li kien l-istess Maestro Sammut li rrakomanda ismijiet ghal surmast gdid.

- F'din l-istess sena, precizament fid-29 ta' Jannar 1992, giet redatta skrittura privata bejn l-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut[6]. Din taqra hekk:

  *'Jiena, Mro Joseph Sammut, hawn taht iffirmat qed inbiegh il-Marc Brijuz li kien igib l-isem "10th Anniversary "A" bi prezz ta' Lm100 lil Banda Mnarja – Nadur, Ghawdex bil-kundizzjoni li dan il-marc*

---

[5] Ara x-xhieda ta' Joseph Apap a fol. 65 et seq.
[6] Dok A a fol 6 tal-process

*ma jindaqx fil-festa ta' San Gorg, f'Ghawdex u li jien Mro Joseph Sammut nintrabat mas-Socjeta' Filarmonika Mnarja – Nadur Ghawdex li f'Ghawdex ma ntih lil hadd aktar'.*

Firmatarji ta' din l-iskrittura kienu l-Mro Sammut u s-Segretarju tal-Banda Mnarja Nadur Peter Paul Portelli.

Mill-1992 'il quddiem il-Banda Mnarja daqqet dan il-marc fil-festa taghha u okkazjonalment barra mir-Rahal[7]. Infatti fil-verbal ta' l-10 ta' Dicembru 2010, Dr Jean Paul Grech ghas-socjeta' konvenuta ddikjara li mhux qed jigi kontestat li l-marc 'Letter A' qed jindaqq kull sena fil-festa tan-Nadur. Ghal tmintax-il sena shah il-Banda Mnarja baqghet iddoqq dan il-marc minghajr qatt l-ebda Banda ohra ma avvanzat xi pretensjoni fuq l-istess marc.

L-istess izda jista' jinghad ghall-Banda Leone. Fil-fatt a fol. 27 tal-process ir-rapprezentant tal-Banda Mnarja James Buttigieg jaghmilha cara li:

'qabel ma sar il-mandat min-naha tal-Banda Leone, in-numru 30/2010 ahna ma kellna l-ebda ntenzjoni li nqalghu kwistjoni mal-Banda Leone.'

Isostni wkoll illi:

'Fis-sena elfejn u sitta (2006) cempilt lil Joseph Debrincat li kien kollega tieghi fuq il-post tax-xoghol, ipproponejtlu illi ssir laqgha biex naraw kif nistghu naslu f'arrangament biex iz-zewg baned ma jibqghux jaghmlu dispetti lil xulxin. Dejjem kienet iddur fuq dan il-famuz marc. Konna wasalna biex nghidu li ma hemmx glied bejnietna, pero' ahjar li fil-festi il-baned rispettivi ma jdoqquhx.'

[7] Ara xhieda ta' James Buttigieg a fol. 25.

Il-President tas-socjeta' konvenuta Dr. Michael Caruana fix-xhieda tieghu wkoll jispjega li l-arrangamenti li kienu qed jippruvaw jaghmlu bejniethom is-socjetajiet kien li dan il-marc ma jindaqqx fil-prezenza tal-banda l-ohra biex hadd ma jigi urtat. Dan neccessarjament ifisser li l-marc mis-sena 1992 'il quddiem baqa' jindaqq miz-zewg socjetajiet partijiet f'din il-kawza.

- Fis-sena 2010 l-Banda Leone pprezentat mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' Banda Mnarja fejn talbet li din ta' l-ahhar tigi nibita milli ddoqq dan il-marc barra mil-limiti tar-rahal tan-Nadur. Permezz ta' digriet taghha tat-8 ta' Lulju, 2010 il-Qorti cahdet it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

- Illi l-Banda Leone kienet qeghdha tibbaza t-talba taghha ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fuq il-kuntratt pubbliku li gie ppubblikat minn Nutar Anthony Hili fil-5 ta' Gunju 2010[8]. Dan il-kuntratt sar bejn is-Socjeta' Filarmonika Leone u s-Surmast Sammut. Fih inghad li l-proprjeta' u d-drittijiet ta' l-awtur ta' dawn il-marcijiet[9] gew trasferiti lis-Socjeta' Filarmonika Leone fiz-zmien li s-surmast Sammut kien surmast direttur tal-Banda Leone.

  Fil-klawzoli relattivi ghall-marc in kwistjoni f'dan il-kuntratt pubbliku gie miftiehem bejn il-partijiet is-segwenti :

  '(2) Il-marc maghruf bhala 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' maghruf ahjar bhala l-'Marc Letter A', huwa proprjeta' esklussiva tal-Banda Cittadina Leone tar-Rabat, Ghawdex u ghalhekk l-ebda banda Ghawdxija u Maltija jew grupp ta' bandisti Ghawdxin u/jew Maltin migbura f'Ghawdex ghal kull okkazjoni ta' kwalsiasi xorta u natura, inkluzi okkazzjonijiet sportivi, socjali u manifestazzjonijiet ohra, ma jistghux, idoqqu dan il-marc, salv dak li jinghad fil-paragrafu sussegwenti;

---

[8] Dok JA1 a fol 16 *et seq* tal-process

[9] Apparti l-marc mertu tal-vertenza odjerna, dan il-kuntratt jirrigwarda marc iehor

(3) Il-partijiet jaqblu li l-Marc Letter A jista' jindaqq biss f'Ghawdex minbarra l-Banda Leone, mill-Banda Mnarja tan-Nadur, Ghawdex fis-servizzi bandistici li din il-banda jkollha gewwa r-rahal tan-Nadur u mhux permess lill-istess Banda Mnarja tan-Nadur li hija ddoqq dan il-marc f'servizzi bandistici f'Malta jew f'lokalitajiet ohra f'Ghawdex. Il-partijiet qeghdin jaqblu fuq din il-koncessjoni in vista tal-fatt li s-surmast Sammut kien lahaq ftehim f'dan is-sens mas-surmast Joseph Grech, iben Vincent, is-surmast attwali tal-Banda Mnarja tan-Nadur u ghalhekk l-istess Socjeta' Leone qed tirrikonoxxi dan il-ftehim;

(4) In vista ta' dak stipulat f'dan il-ftehim, is-surmast Sammut jobbliga ruhu li ma jaghti l-ebda drittijiet jew koncessjonijiet ohra lil terzi persuni u/jew ghaqdiet tal-Banda jew ghaqdiet ohra fuq dawn il-marcijiet, inkluz drittijiet ta' ezekuzzjoni. Is-surmast Sammut jobbliga ruhu wkoll li ma jikkomponi l-ebda marc jew silta muzikali ohra li fis-sustanza muzikali taghhom ikunu prattikament identici ghall-marci msemmija f'dan l-att.'

Wara dan il-ftehim il-banda konvenuta ghamlet il-mandat ta' inibizzjoni msemmi u li finalment wassal ghal din il-kawza miftuha mill-Ghaqda Filarmonika Mnarja principalment b'zewg talbiet u cioe' illi t-titolu fuq il-marc in kwistjoni huwa tal-Ghaqda Filarmonika Mnarja gie mibjugh lill-istess permezz tal-iskrittura datata 29 ta' Jannar, 1992 u li s-Socjeta' Filarmonika Leone ma tgawdi l-ebda dritt fuq l-istess marc.

Illi kif gia nghad aktar 'il fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta huma gia sorvolati permezz tad-decizjonijiet precedenti u l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonferma l-istess.

**<u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:</u>**

Illi t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta taqra kif isegwi:

'3. Illi s-socjeta' intimata ilha fil-pussess ta' dan il-marc in *buona fede,* b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghall-perjodu ta' aktar minn tletin (30) sena. Dan ghar-raguni li kellha l-partitura originali tal-marc u ilha ddoqq dan il-marc b'mod regolari u fil-pubbliku sa mill-elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) fil-festa ta' Santa Marija organizzata minnha stess kif wkoll f'festi ohra f'Malta u Ghawdex. Is-socjeta' kompliet taghmel hekk ukoll wara d-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 1992, wara li dan il-marc allegatament gie akkwistat mis-socjeta' rikorrenti, u l-istess socjeta' rikorrenti qatt ma opponiet jew b'xi mod iehor ippruvat twaqqaf lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc wara l-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992), dan skont kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u ghalhekk fuq naha hija akkwistat id-drittijiet ta' l-awtur fuq dan il-marc bil-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali, u fuq in-naha l-ohra kull dritt illi talvolta kien jispetta lil xi terza persuna kwalsiasi illi tipprova tipprojbixxi lilha milli ddoqq dan il-marc intilef bil-preskrizzjoni trentennali, u dan fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili.'

**Principji Legali:**

Illi l-artikolu 2143 tal-Kodici Civili jaqra kif isegwi:

**'2143.** L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'

Illi dwar din il-preskrizzjoni, din il-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Lawrence Zammit Haber vs. Joan Zammit Haber et.** (datata 21 ta' April, 2015) irrilevat kif isegwi:

*'Il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin sena. Il-pussess ghandu jkun materjali u intenzjonali, jigifieri l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu kif jinghad fl-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:*

*'(1) Il-prekrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.'*
*Id-difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil Laurent dwar it-tifsira ta' kull rekwizit kif isegwi:*

1. *pussess kontinwu: "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

2. *pussess mhux miksur: "Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

3. *pussess pacifiku: "La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

4. *pussess pubbliku: "Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

5. *pussess mhux ekwivoku: "Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).*

*Iz-zewg partijiet in oltre jiccitaw diversa gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali fosthom:*

*Carmelo Caruana et vs Orsla Vella, Qorti tal-Appell, 13 ta' Marzu 1953 fil-kawza (Kollez. Vol. XXXV.i.105):*

*'Illi pero' kif intqal ghall-effacija taghha bhala akkwizittiva, din il-preskrizzjoni tippresupponi l-pussess legittimu li trid il-ligi ghaz-zmien kollu tat-trentennju. Hu maghruf illi l-elementi tal-pussess civili huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u l-iehor intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-propjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini. Ghalhekk mhux pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew l-iehor minn dawn iz-zewg elementi b'mod li mhijiex bizzejjed id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprija imma bhala haga ta' haddiehor ghax allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja ... Hu elementari li lil min jallega l-preskrizzjoni trentennali ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fede ... Dan il-pussess b'ligi ghandu jkun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.'*

*Fis-sentenza Michael Farrugia et vs Joseph Cassar et [Rik. Gur. 63/2004/AE] deciza fit-28 ta' Mejju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014, kienet citata silta minn sentenza tat-Tieni Sezzjoni Civili ta` l-Corte di Cassazione tal-Italja moghtija fit-18 ta' April 2003 kif isegwi:*

*'il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all'esercizio di un diritto dominicale sull'immobile (o di altro diritto reale di godimento sullo stesso).'*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. Francis Montanaro, Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju 2003:*

*'Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilfix bin-nuqqas ta' uzu da parti tas-*

*sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skont il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu . . . Il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu jrid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titiqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika 'longissimi temporis praescriptio'. Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta' li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawn il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita' tal-pussess animo domini, kongunta s'sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni. Jinsab insenjat ukoll illi l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'* [10]

*Ghal dak li jikkwalifika bhala pussess diversi decizjonijiet tal-Qrati Maltin*[11] *ikkonfermaw dak li josserva Laurent (Diritto Civil Vol XXX11, para 297) cioe':*

*'colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirara da un istante all'altro.'*

*Dan il-bran gie kkwotat miz-zewg partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Avukat Dottor Louis Vella et vs. Joseph Gatt*

---

[10] Fuq l-istess linja ara wkoll Carmelo Caruana vs. Orsa Vella, Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Marzu, 1953; Joseph Aquilina noe vs. Sunny Homes Limited et, Prim'Awla deciza 5 ta' Ottubru, 2004; Katie Caruana Grech vs Victor Briffa Brincat, Prim'Awla deciza fl-14 ta' Jannar, 2015.

[11] Elena Fenech vs. Ignazio Aquilina, Prim'Awla deciza 18 ta' Ottubru, 1984, Marlene Manfre vs. Connie Spiteri Maempel, Appell Civili deciza 24 ta' April, 1989.

*(Prim'Awla, deciza nhar it-12 ta' April 2002 inghad kif isegwi:*

*'Biex wiehed ikollu pussess "pubbliku" jrid jaghmel att ta' dominju fuq il-fond (ez, ihawwel sigar, igib hamrija, jtella' bini, ecc) ghax, altrimenti, il-pussess ma jkunx "pubbliku" .... Il-Ligi trid dan l-element biex min ikun interessat ikollu l-opportunita' jara x'inhu jigri fuq l-art ... Il-ligi trid li l-pussess ikun pubbliku biex it-terz interessat ikollu l-oppotunita' jikkontrolla x'inhu jigri fuq l-art tieghu, it-terz interessat jitlef l-interess tieghu fuq art jekk jara jew seta' jinduna x'inhu jigri fuq l-art u ma jaghmel xejn. Kif jghid ir-Ricci ("Diritto Civile" – Vol. V – para 56), il-pussess hu pubbliku "quando il possessore, nell'esercitarne gli atti relativi, si diporta in modi che che ha l'interesse ad acquistare conoscenza de medesimi puo' facilmente procurarsi.'*[12]

*Fis-sentenza fl-ismijiet Antonio Pace et vs Rev. Henry Abela O.P., Prim'Awla, deciza fil-5 ta' Lulju 2004, debitament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 jinghad kif isegwi:*
*'Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali m'hemmx bzonn il-'giusto titolo' u lanqas il-'buona fede' minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun animo domini ... l-bona fede mhix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l- intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala 'causa acquisitionis' tista' tkun tacita, cioe' deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni (Vol. XXXV.i.105), u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet: It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003.'*

*Fil-fatt fid-decizjoni fl-ismijiet Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut, Prim'Awla, deciza 28 ta' Marzu, 2003*

[12] Ara wkoll Helma Muscat Doublesin vs. Kummissarju tal-Art, Prim'Awla deciza 26 ta' Novembru, 2010.

*jinghad kif isegwi:*

*'Mhux bizzejjed ikollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja imma bhala haga ta' haddiehor ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.'*
Preskrizzjoni akwisittiva da parti tas-Socjeta' konvenuta:

Dwar din l-eccezzjoni s-socjeta' attrici ssostni fost ohrajn kif isegwi:

'Ghalhekk huma kienu ben konxji tal-fatt illi filwaqt illi huma kellhom il-pussess ta' dan il-marc biex ikunu jistghu idoqquh, fl-istess hin il-proprjeta' ta' l-istess marc kien ghadu tal-Maestro Sammut, u ghalhekk filwaqt li huma kellhom il-pussess tal-marc sabiex ikunu jistghu idoqquh, huma kienu qed igawdu dan il-marc bhala proprjeta' ta' haddiehor cioe' tal-Maestro Sammut. . . . In vista ta' dan is-socjeta' konvenuta ma setghet qatt validament tissodisfa dak l-element tal-pussess li huwa meqjus bhala tajjeb ghall-preskrizzjoni akwisittiva u cioe', l-element intenzjonali tal-pussessur li jgawdi dritt fuq il-haga, f'dan il-kaz il-marc 'Letter A', bhal li kieku hu kien il-proprjetarju tieghu . . . ghalhekk in vista ta' dak fuq premess, ma tista qatt topera l-preskrizzjoni akkwisittiva favur is-socjeta' konvenuta stante illi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti tal-kontinwita' tal-pussess u ta' l-element intenzjonali tal-istess pussess, elementi li huma essenzjali sabiex tali preskrizzjoni tkun wahda valida f'ghajnejn il-ligi.'

Is-socjeta' attrici fit-trattazzjoni orali taghha filwaqt li ghamlet referenza ghal-artikolu 2107 (a) tal-Kap. 16 baqghet tinsisti fuq l-argument illi l-eccezzjoni ghandha tapplika biss ghad-drittijiet tal-awtur kif imnizzla fit-tielet eccezzjoni u xejn anqas. Insistiet ukoll li mhux l-elementi kollha huma sodisfatti.

Illi f'dan ir-rigward, is-socjeta' konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha jidher li tqajjem iz-zewg argumenti f'daqqa fis-sens illi tinsisti li hija kienet qed tippossjedi l-marc bhala taghha izda fl-istess hin tinsisti fuq id-dritt li ddoqqu. Fit-trattazzjoni orali izda Dr. Jean Paul Grech uza l-argument illi fit-tielet eccezzjoni 'il piu'

comprende l-meno' u cioe' li jekk ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta ppreskriviet favur taghha id-dritt tal-awtur, zgur illi ppreskriviet favur taghha d-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni.

Illi l-Qorti gharblet sew il-kliem uzat fit-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija eccezzjoni pjuttost twila. Rat illi ghalkemm verament issemmew il-kliem illi s-socjeta' esponenti 'akkwistat id-drittijiet tal-awtur', aktar qabel fl-istess eccezzjoni jissemma' b'mod car ukoll id-daqq tal-marc in kwistjoni b'mod regolari sa mis-sena 1968 u huwa biss fl-ahhar linja, b'sentenza separata, tal-eccezzjoni li jissemma' d-dritt tal-awtur. Il-Qorti wara li rat ukoll li l-artikolu 2143 mhux limitat ghal drittijiet reali u huwa pjuttost wiesa' ghal dak li huma azzjonijiet koperti minnu kif ukoll wara li rat illi dan l-artikolu huwa specifikatament imsemmi fl-eccezzjoni u l-ebda parti minnu ma giet eskluza, tqis li l-argumentazzjoni tas-socjeta' attrici li l-eccezzjoni ghandha tapplika biss ghad-drittijiet tal-awtur u mhux ghad-dritt li jindaqq il-marc mihijiex fondata.

Illi fil-mertu, dwar il-kwistjoni jekk is-socjeta' konvenuta akkwistatx id-dritt tal-awtur permezz tal-preskrizzjoni akwisittiva, din il-Qorti tista' mill-ewwel telimina din il-possibilita' in vista tax-xhieda nekwivoka tar-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta[13] (gia kkwotata fil-fatti aktar 'il fuq) illi sa qabel sar il-kuntratt fis-sena 2010 mal-Maestro Sammut is-socjeta' konvenuta kellha biss id-dritt li ddoqq il-marc u xejn aktar. In vista ta' ammissjoni carissima u nvekwivoka da parti tal-istess socjeta' konvenuta u r-rapprezentanti taghha li sas-sena 2010 kien hemm biss id-dritt li dan jindaqq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ma akkwistatx id-drittijiet tal-awtur fuq il-marc 'Letter A' bil-preskrizzjoni akwisittiva.

Illi tibqa' izda l-kwistjoni dwar jekk is-socjeta' konvenuta akkwistatx id-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni permezz tal-preskrizzjoni trentennali akwisittiva. Is-socjeta' attrici f'dan il-kuntest tikkontesta l-element tal-animu bhala s-sid tal-oggett f'dan il-kaz tal-'marc' izda

[13] Ara t-tielet punt taht il-fatti suesposti.

fis-sottomissjonijiet taghha stess tammetti li kulma kellha s-socjeta' konvenuta kien id-dritt li ddoqq il-marc izda mhux id-drittijiet tal-awtur fuqu (kwotata verbatim aktar 'il fuq). Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta ma setghetx tippreskrivi favur taghha d-dritt li ddoqq il-marc. Fil-fatt ghalkemm mill-atti jidher li s-socjeta' konvenuta ma kinitx qed tippossjedi l-partitura tal-marc in kwistjoni sa mis-sena 1968 bl-animu li l-marc per se kien proprjeta' taghha u dan fi kliem ir-rapprezentati taghha stess, jirrizulta mill-atti u ndubbjament li s-socjeta' konvenuta kienet qed tipposjedi l-partitura tal-marc bl-animu li tista' liberament iddoqq dan il-marc. Dan huwa konfermat mill-istess Maestro Sammut li jghid li huwa ta d-dritt lis-socjeta' konvenuta li ddoqq il-marc u dan kien lura fis-sena 1968. Tant is-socjeta' konvenuta kienet qed tippossjedi dan il-marc bl-animu li tista' ddoqqu meta trid u kif trid hi li tul iz-zmien, anzi tista' tghid sa mill-ewwel snin li akkwistat id-dritt li ddoqqu, dan il-marc sar wiehed mill-aktar popolari mal-partitarji taghha u tul iz-zmien sar sinonimu mal-Banda Leone. Kif gia suespost dawn il-fatti bl-ebda mod ma gew kontestati mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici ssostni li d-dokumentazzjoni esebita dwar id-daqq ta' dan il-marc fil-'cassettes' tal-marci godda tevidenzja li ghal certu zmien dan il-marc ma kienx qed jindaqq mis-socjeta' konvenuta. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni stante li d-daqq tal-marc mill-Banda ma jsirx biss fil-'cassettes' li sahansitra bosta minnhom bid-dikjarar huma tal-marci godda (u dan il-marc zgur li diversi snin wara s-sena 1968 ma jistax jitqies bhala wiehed gdid) izda l-aktar mod popolari fejn jindaqqu l-marci huwa fil-festi, fit-toroq miftuha ghall-pubbliku minghajr distinzjoni. Ix-xhieda fl-atti (kif gia saret referenza aktar 'il fuq) ikkonfermaw li dan il-marc baqa' jindaqq mill-Banda Leone, kull sena, ghal diversi drabi fit-tlett ijiem tal-festa. Dan il-fatt ma gie bl-ebda mod kontestat. Fil-fatt fis-sena 2000 il-marc jerga' jitfacca fil-'cassette' tal-istess socjeta'. Dan izda xejn ma jfisser li fis-snin precedenti ma kienx qed jindaqq mill-banda tul il-festa u fis-servizzi taghha f'irhula u bliet ohra kif ippruvaw jallegaw ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici u kontestati b'mod assolut mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt ma giex

kontradett mis-socjeta' attrici dak li xehdu fuqu Joseph Apap u Dr. Michael Caruana u cioe' li dan il-marc, zgur mal-pubbliku Ghawdxi huwa maghruf u sinonomu mal-Banda Leone. L-istess rapprezentanti tas-socjeta' attrici jikkonfermaw li sas-sena 1992 kien fatt maghruf li dan il-marc kien jindaqq mill-Banda Leone. Sahansitra s-Surmast tal-banda attrici jixhed fl-atti li dan il-marc f'Ghawdex huwa sinonimu mal-Banda Leone u hu stess jikkonferma li jaf li l-marc kien jindaqq mill-Banda Leone u dan jafu ghaliex qabel sar surmast tal-banda attrici kien bandist mal-banda konvenuta.

In oltre r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Joseph Buttigieg sostna fix-xhieda tieghu (kif kwotata aktar 'il fuq) li sas-sena 2010 is-socjeta' attrici qatt ma qalghet l-ebda argument dwar dan il-marc mas-socjeta' konvenuta, wisq anqas gie pprezentat xi prova ta' att li skont il-ligi seta' jwaqqaf il-preskrizzjoni akwizittiva favur is-socjeta' konvenuta. L-istess Maestro Sammut ukoll ikkonferma li fis-sena 1992, meta ffirma mas-socjeta' attrici, li huwa ma kellu l-ebda ntenzjoni li jwaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc in kwisjtoni. Il-Qorti ghalhekk, tqis li dawn il-fatti kollha kif anki ahjar esposti taht is-sezzjoni tal-fatti aktar 'il fuq u li qed taghmel taghha ai fini ta' din l-eccezzjoni, jissodisfaw l-elementi tal-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku da parti tas-socjeta' konvenuta tad-dritt li ddoq il-marc in kwistjoni kif rikjesti mil-ligi.

Dwar il-perjodu, jirrizulta li dan il-pussess ilu minn Mejju tas-sena 1968 (cioe' meta skont ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta l-partitura originali ghaddiet ghand l-istess socjeta' u ndaqq il-marc ghall-ewwel darba f'Awwissu, 1968 fil-festa ta' Santa Marija u ghadu jsir hekk sal-lum. Jirrizulta izda li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici tressqu l-ewwel darba skont il-ligi fil-konfront tas-socjeta' konvenuta permezz ta' din il-kawza nhar it-30 ta' Settembru, 2010 ghalkemm fir-rikors guramentat tissemma' ittra ufficcjali datata l-istess sena li izda ma gietx ipprezentata kopja taghha. Ghaldaqstant jirrizulta lil din il-Qorti l-pussess skont il-ligi tad-dritt tas-socjeta' konvenuta li ddoqq il-marc 'Letter A' imsemmi 'Tenth Anniversary' u precedentement bhala 'Bonnici Brothers' ghal mill-anqas il-perjodu ta' erbghin (40) sena, ferm aktar mill-perjodu neccessarju fil-ligi. Ghal dawn ir-

ragunijiet, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akwisittiva a favur tas-socjeta' konvenuta tad-dritt li ddoqq il-marc in kwistjoni ghandha tigi milqugha.

**Preskrizzjoni estintiva kontra s-socjeta' attrici:**

Il-Qorti tqis li ma hemmx wisq x'wiehed izid mal-argumenti gia esposti. Mill-atti jirrizulta ampjament ippruvat u anki ammess mill-istess Maestro Joseph Sammut li huwa qatt ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex iwaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc in kwistjoni lanqas meta fis-sena 1992 huwa ffirma l-iskrittura ta' bejgh mas-socjeta' attrici. Tant hu hekk li huwa nkluda klawzola li dan il-marc ma jindaqqx fil-festa ta' San Gorg, fir-Rabat, Ghawdex appuntu biex ma turtax ruhha s-socjeta' konvenuta li kellha d-dritt li ddoqqu u li hija r-'rivali' tal-festa ta' San Gorg rapprezentata minn banda ohra 'La Stella' stante li din il-festa tigi celebrata fl-istess rahal u cioe' fir-Rabat, Ghawdex. Fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda evidenza li s-socjeta' attrici, wara li dahlet fiz-zarbun tal-Maestro Sammut, baghtet xi att li permezz tieghu setghet legalment interrompiet il-preskrizzjoni tant li l-istess rapprezenanti tas-socjeta' attrici ammettew illi kieku ma kienx ghall-mandat tas-sena 2010 huma ma kellhom l-ebda hsieb li jwaqqfu lis-socjeta' Leone milli ddoqq il-marc u qatt ma ttiehdu passi (ara l-fatti kif suesposti). L-ewwel atti ppruvati lil din il-Qorti li jinterrompu l-preskrizzjoni saru permezz ta' din il-kawza stess u jgibu d-data tat-30 ta' Settembru, 2010 u cioe' aktar minn erbghin sena minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni estintiva fis-sena 1968. Jirrizulta ghalhekk li ghandha wkoll tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva mqajjma mis-socjeta' konvenuta kontra s-socjeta' attrici.

**L-eccezzjoni ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap. 415:**

Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti ta' din il-Qorti, jista' jinghad li decizjoni dwar din l-eccezzjoni hija biss wahda akkademika izda din il-Qorti ser tgharbel u tiddeciedi l-istess sabiex jigi evitat dak li gia sehh f'din il-kawza u cioe' li f'kaz li d-decizjoni tmur ghall-appell

terga' tinqala' l-kwistjoni dwar id-dritt tad-*doppio esame* reklamat mis-socjeta' konvenuta fi stadju ta' appell.

Illi l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta taqra kif isegwi:

'5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-marc in kwistjoni u per konsegwenza tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq dan il-marc, tali drittijiet tal-awtur ma jipprekludux lis-socjeta' intimata milli ddoqq dan il-marc fil-pubbliku. Dan ghar-raguni li fit-termini tal-artikolu 9(1)(g) tal-Kap 415, id-drittijiet tal-awtur ma jinkludux il-projbizzjoni tat-twettiq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qliegh.'

Is-socjeta' attrici sabiex tirribatti ghal din l-eccezzjoni ssostni li huwa l-artikolu stess kwotat mis-socjeta' konvenuta li jeskludi l-possibilita' li s-socjeta' attrici ddoqq dan il-marc fil-pubbliku minghajr ebda restrizzjoni.

Illi bl-argument tas-socjeta' konvenuta, kull banda ghandha d-dritt li ddoqq kull marc fil-pubbliku rrilevantament mill-fatt jew le nghatatx id-dritt li ddoqqu jew jekk xtratux. Certament tali agrument kieku kellu jigi validat ipoggi s-sistema ta' kif jindaqqu, jinxtraw eccetera l-marcijiet kif anki spjegata fl-atti tisfuma fix-xejn.

Illi l-artikolu li qed issir referenza ghalih mis-socjeta' konvenuta jaqra kif isegwi:

'**9.** (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xoghol awdjoviziv, *database*, xoghol letterarju **hlief fil-kaz ta' program tal-*computer*, xoghol muzikali jew artistiku** *(emfasi tal-Qorti)* ma ghandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazjoni jew projbizzjoni:

(g) it-twettieq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi *club* li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qliegh;'

Illi l-artikolu 2 tal-istess Kap. 415 jiddeskrivi xoghol muzikali kif isegwi:

'"xoghol muzikali" tfisser kull xoghol muzikali, irrispettivament mill-kwalita' muzikali, u tinkludi xoghlijiet komposti ghall-akkompanjament muzikali.'

Illi minn kliem l-artikolu 9 huwa car li xoghol muzikali huwa eskluz mil-limitazzjoni mposta fuq id-drittijiet tal-awtur fosthom dik tas-sub-artikolu g. Fil-kaz odjern il-marc in kwistjoni ma hemmx dubju li jikkwalifika bhala 'xoghol muzikali' fid-definizzjoni hawn fuq ikkwotata u huwa eskluz mill-ezenzjoni fl-artikolu 9, ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax tistrieh fuq l-artikolu 9 tal-Kap. 415 bhal eccezzjoni favur li hija tista' ddoqq il-marc fil-pubbliku minghajr ebda restrizzjoni. Din l-eccezzjoni ghalhekk jisthoqq li tigi michuda.

**It-talbiet attrici:**

Illi l-ewwel talba tas-Socjeta' attrici giet diskussa u deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn gie dikjarat b'mod skjett minn dik l-Onorabbli Qorti li l-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 1992 kienet tikkonsisti f'bejgh, bil-limitazzjonijiet identifikati fl-istess decizjoni ghal dak li huwa territorju cioe' Ghawdex u limitazzjoni milli dan jindaqq fil-festa ta' San Gorg, Rabat, Ghawdex. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tistrieh fuq ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell u tilqa' l-ewwel talba kif dedotta ghajr ghal-limitazzjonijiet identifikati mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi dwar it-tieni talba attrici, in vista tad-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-preskrizzjoni akwisittiva a favur tas-socjeta' konvenuta li ddoqq il-marc in kwistjoni, kif ukoll illi s-socjeta' attrici tilfet il-jedd konsegwenza tal-preskrizzjoni estintiva li twaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq l-istess marc, il-Qorti ma tistax tiddikjara li s-

Socjeta' Filarmonika Leone ma tgawdi ebda drittijiet fuq il-marc in kwistjoni kif titlob it-tieni talba stante li jirrizulta li ghandha d-dritt li ddoqq l-istess marc. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tichad it-tieni talba attrici.

## Decizjoni

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tikkonferma c-cahda tal-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

2. Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi t-titolu ghall-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A' gie mibjugh u trasferit lill-Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur, permezz ta' skrittura privata bejn l-istess Ghaqda Filarmonika Mnarja, Nadur u l-Maestro Joseph Sammut fid-29 ta' Jannar 1992 limitatament izda ghall-Gzira ta' Ghawdex u bil-kundizzjoni izda li dan ma jistax jindaqq fil-festa ta' San Gorg, f'Ghawdex;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens limitat li tiddikjara li l-istess socjeta' konvenuta akkwistat permezz tal-preskrizzjoni akkwisittiva **d-dritt li ddoqq** il-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A' filwaqt li s-socjeta' attrici tilfet permezz tal-preskrizzjoni estintiva l-jedd li twaqqaf lis-socjeta' konvenuta milli ddoqq il-marc brijuz 'Bonnici Brothers' sive '10th Anniversary' sive 'Letter A'. Konsegwentement tichad it-tieni talba attrici.

4. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha salv dawk gia decizi, ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur